VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,086, 10 ta' Mejju, 2013
Taqsima B

A.L. 141 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2013 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 50 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2013 li jemendaw it-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tnax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tnax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2010/45/UE tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2010 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Jemenda l-partita 2 tal-Iskeda.

2. Il-partita 2 tal-Iskeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (1)(a) tagħha, minnufih wara l-kliem "seħħet il-ġrajja taxxabbli" għandhom jidħlu l-kliem "jew id-data li fih ikun sar pagament, liema minnhom tiġi l-ewwel"; u

(b) fis-subparagrafu (1)(b) tagħha, minflok il-kliem "fejn ħlas akkont isir qabel" għandhom jidħlu l-kliem "għal ħlas akkont li jsir qabel".